MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 579/2007

**Albert Attard ID 25857M,**
**Joseph Briffa ID 317946M,**
**Victor Camilleri ID 910251M,**
**Charles Deguara ID 345447M,**
**Joseph Psaila ID 49757M,**
**Paul Deguara ID 0747755M**

**-vs-**

**Korporazzjoni Enemalta**

**Il-Qorti:**

**Rat** ir-rikors guramentat presentat fl-24 ta' Mejju 2007 fejn l-atturi testwalment qalu hekk:-

" Illi r-rikorrenti huma lkoll impjegati fit-Taqsima tas-Sigurta' tal-Korporazzjoni intimata ;

Illi l-kundizzjonijiet ta' l-impjieg taghhom huwa regolat mill-ftehim kollettiv bejn il-korporazzjoni intimata u t-Taqsima Kimika, Energija u Stampar tal-General Workers Union ;

Illi skont il-klawsola 3.4.4. ta' l-istess ftehim kollettiv "il-korporazzjoni taghmel li tista' biex tqassam is-sahra b'mod kemm jista' jkun ekwu, kompatibilment ma' l-ezigenzi tal-korporazzjoni" ;

Illi rrizulta li matul dawn l-ahhar hames snin gawdew b'mod sproporzjonat mis-sahra numru ta' impjegati a spejjes tar-rikorrenti li bhalhom kienu ntitolati ghat-tqassim ekwu ta' l-istess sahra kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tar-rikors ;

Illi konsegwenza ta' l-agir tal-korporazzjoni ntimata r-rikorrenti sofrew danni konsistenti f'telf ta' dhul mis-sahra ghal liema danni hija responsabbli l-korporazzjoni ntimata minhabba jew negligenza jew ghemil doluz da parti taghha bi ksur ta' l-istess ftehim kollettiv ;

Illi l-korporazzjoni ntimata nterpellata biex tersaq ghal-likwidazzjoni u eventwali hlas ta' danni sofferti mir-rikorrenti baqghet inadempjenti.

Tghid ghalhekk il-korporazzjoni Enemalta ghaliex din l-Onorabbli Qorti, in vista tal-premess, m'ghandhiex :

1. Tiddikjara li r-rikorrenti sofrew danni konsistenti f'telf ta' dhul minn sahra ghal liema danni hija unikament responsabbli l-korporazzjoni Enemalta minhabba jew negligenza jew ghemil doluz da parti taghha bi ksur tal-istess ftehim kollettiv ;

2. Tillikwida d-danni okkorrendo bl-opera ta' perit nominand ;

3. Tikkundanna lill-korporazzjoni ntimata thallas id-danni hekk likwidati lir-rikorrenti.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-12 ta' Marzu 2007 u bl-imghax relattiv sal-pagament effettiv kontra l-

korporazzjoni intimata minn issa ngunta ghas-subizzjoni. ”

**Rat** il-lista tax-xhieda indikati mill-atturi flimkien mad-dokumenti li kienu annessi mar-rikors mahluf.

**Rat** ir-risposta guramentata ta' l-korporazzjoni intimata presentata fil-11 ta' Gunju 2007 fejn jinghad testwalment hekk –

“ 1. Illi t-talbiet attrici fil-konfront tal-Korporazzjoni Enemalta huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez ;

2. Illi preliminarjament it-talba attrici hija preskritta *ai termini* tal-Art. 2147(c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu ghal dawk l-ammonti li jirreferu ghal perijodu li jmur lil hinn minn tnax-il xahar ;

3. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost mhuwiex minnu li s-sahra giet imqassma b'mod inekwu a sfavur tar-rikorrenti ;

4. Illi wara li saret laqgha apposta f'dan is-sens mar-rikorrenti u l-konsulent legali taghhom u wara li ezaminat bir-reqqa l-ilment tar-rikorrenti l-Korporazzjoni kkonkludiet li ma kienx assolutament minnu li r-rikorrenti kienu b'xi mod sfavoreggjati u li s-sahra li nghatatilhom kienet tidhol fil-medja b'dan illi f'certi kazijiet kienet sahansitra fuq il-medja ;

5 Illi dan gie kkomunikat lir-rikorrenti permezz ta' ittra datata 3 ta' Mejju 2007 li qed tigi annessa u mmarkata bhala DOK. EN1 ;

6 Illi l-Korporazzjoni tissottometti umilment illi, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, is-sahra tigi mqassma skont kriterji cari u objettivi u ghalhekk l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti u l-pretensjonijiet taghhom huma ghal kollox infondati ;

Ghaldaqstant *in vista* tas-suespost il-Korporazzjoni Enemalta titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet rikorrenti bhala nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

Bl-ispejjez. ”

**Rat** il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta’ konvenuta flimkien mad-dokument li kien esebit mar-risposta mahlufa.

**Rat** li fl-udjenza tal-25 ta’ Gunju 2007 (fol 15) din il-Qorti hadet nota li kien hemm qbil bejn il-partijiet li l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni tinstema’ flimkien mal-provi fil-mertu.

**Rat** id-digriet ta’ din il-Qorti kif presjeduta tat-18 ta’ Marzu 2009 (fol 169) fejn il-Korporazzjoni konvenuta thalliet tipprezenta eccezzjoni ulterjuri kif fil-fatt ghamlet fit-13 ta’ April 2009. Din l-eccezzjoni tghid testwalment hekk –
*Illi preliminarjament it-talba attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148(d) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.*

**Qieset** il-provi kollha li ressqu l-partijiet kemm dwar l-eccezzjonijiet preliminari tal-preskrizzjoni, dwar l-eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni, kif ukoll dwar il-mertu.

**Semghet** it-trattazzjoni bil-fomm tad-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-19 ta’ Mejju 2009.

**Rat** id-digriet moghti f’dik l-istess udjenza fejn din il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidrat –**

L-azzjoni tal-atturi hija mpernjata fuq Klawsola 3.4.4 tal-Ftehim Kollettiv bejn il-Korporazzjoni Enemalta u l-Taqsima Kimika, Energija u Stampar tal-General Workers’ Union li kien vigenti ghat-tliet snin ta’ bejn 2002 u 2005 esebit bhala DOK FK a fol 54 et seq tal-process.

Il-klawsola in kwistjoni tghid hekk testwalment –

*Il-Korporazzjoni taghmel li tista' biex tqassam is-sahra b'mod kemm jista' jkun ekwu, kompatibilment ma' l-esigenzi tal-Korporazzjoni. Rekords li juru n-numru ta' sighat mahdumin mill-impjegati ghandhom jinzammu kif ghandu jkun u jinghataw lill-impjegati jekk dawn jitolbuhom ufficjalment f'kazijiet ta' lmenti.*

Bhala punt tat-tluq, din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li l-Qorti tal-Appell Inferjuri qalet dwar in-natura guridika ta' l-ftehim kollettiv fis-sentenza taghha moghtija fis-27 ta' Frar 2009 fil-kawza **"Silvio vs Corinthia Palace Company Limited"** –

*Il-Ftehim Kollettiv huwa kuntratt li jiddixxiplina b'mod generali r-rapporti tax-xoghol ta' kategorija ta' haddiema bl-intervent tal-Union li tirrapprezentahom. Huwa kuntratt importanti hafna mhux biss ghal kontenut tal-kondizzjonijiet tax-xoghol pattwiti fih imma ghaliex, fundamentalment, dawk l-istess kondizzjonijiet u d-dixxiplini l-ohra tieghu ghandhom jitqiesu r-regoli ta' gudizzju li jridu jigu assunti meta tinsorgi xi kwestjoni jew problema bejn l-interessati.*

Ghax ir-relazzjoni guridika li tirrizulta minn ftehim kollettiv mhux biss tikkostitwixxi kuntratt bejn il-firmatarji, izda torbot ukoll lill-haddiema membri ta' dik il-union li tkun ftehmet ghan-nom taghhom mal-principal taghhom (Qorti tal-Appell – **"Sammut vs Vassallo noe"** – 19 ta' Mejju 2000).

Naturalment ghax ftehim kollettiv huwa kuntratt, japplika ghalih ukoll il-principju ewlieni tal-istatut tal-kuntratti li *l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda. (*Qorti tal-Appell – **"Beacom et vs Spiteri Staines"** - 5 ta' Ottubru 1998) –

Dan kollu premess, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwistjoni hija biss jekk fl-assenjazzjoni tas-sahra lill-haddiema taghha l-Korporazzjoni Enemalta ("l-Enemalta") imxietx jew le b'ekwita' kif ighid il-ftehim kollettiv. Mela r-*raison d'etre*

tal-punt tat-tluq tal-atturi huwa wiehed jekk l-Enemalta kenitx jew le inadempjenti fl-obbligi kontrattwali taghha. Ghalhekk il-kwistjoni ma tistax tkun inkwadrata fil-kamp tal-*culpa* jew *dolo*, ghaliex min-naha wahda taghti svolta kontradittorja fid-direzzjoni tal-akkwisizzjoni tal-provi, u min-naha l-ohra twarrab bla bzonn fil-genb il-kwistjoni ewlenija tal-kawza u cioe' l-allegata inadempjenza kontrattwali tal-Enemalta nonostante r-raguni.

**Ikkunsidrat –**

Tul il-kawza xehdu diversi persuni lkoll impjegati tal-Enemalta. Ghal xi raguni, li jafu huma biss, l-atturi ghazlu li ma jaghtux ix-xhieda taghhom, u allura din il-Qorti, almenu fejn jirrigwarda lilhom, hija ristretta u trid toqghod biss fuq il-kontenut tar-rikors mahluf li huwa <u>generiku</u> ghall-ahhar. Din il-Qorti ma tifhmx ghaliex l-atturi ghamlu dik l-ghazla processwali, fejn addirittura hadd minnhom ma jaghzel li jixhed f'kawza fejn anke *prima facie* qed isiru allegazzjonijiet <u>gravi</u> fil-konfront tal-principal ; eppure dak huwa l-istat ta' fatt u dwaru flimkien ma' provi ohra din il-Qorti trid tiddeciedi.

**Ikkunsidrat –**

Kull kaz ghandu jkun esaminat fuq il-mertu u l-fattispece partikolari tieghu. Dan ighodd ukoll fejn tidhol l-applikazzjoni tal-principji tad-dritt kif mifhuma fid-dottrina u fil-gurisprudenza. B'hekk il-gudikant ikun f'qaghda li jsahhah il-konvinzjoni u l-konkluzjonijiet tieghu. Ic-certezza morali li fuqha l-gudikant ghandu jibni l-motivazzjoni tal-gudizzju tieghu trid issib il-gustifikazzjoni taghha fl-ewwel lok fit-totalita' tal-provi u fit-tieni lok fil-qafas tal-preponderanza tal-probabilitajiet.

Anke fil-kuntest tal-osservazzjoni li ghamlet qabel dwar l-ghazla tal-atturi li fejn jirrigwarda lilhom joqghodu <u>biss</u> fuq il-kontenut tar-rikors promotur, din il-Qorti tghid bhala <u>punt ta' dritt</u> li l-piz tal-prova fil-mertu huwa mixhut fuq l-attur in kwantu l-konvenut jibqa' assistit mill-presunzjoni li mhux obbligat jaghmel il-prova negattiva. Il-Qorti trid tara jekk l-attur issodisfax dak l-oneru billi wasal biex jipprova l-

legittimita' tal-pretensjoni tieghu jew inkella kellhiex il-Qorti tapplika r-regola ta' gudizzju li l-fatti allegati ma gewx sodisfacjentement pruvati (*non esse et non probari paria sunt*).

Dan kollu jissarraf fil-principju li jirregola l-piz tal-prova u cioe' li x-xjenza tal-fatt allegat – fil-kaz *de quo* l-allegat ksur da parti tal-Enemalta tal-pattijiet u kondizzjonijiet tal-ftehim kollettiv – ghandu jigi pruvat mill-persuna li qed tallega dik ix-xjenza. *Del resto* hekk ukoll ighid l-Art. 562 tal-Kap. 12 u fil-kaz li din il-prova ma tkunx adegwata jew fil-kaz ta' dubbju l-allegata xjenza ghandha tigi rigettata (**"Theuma vs Mercieca"** – Qorti tal-Appell – 20 ta' Frar 1996 ; **"Fenech Clarke et vs Borg et"** – Qorti tal-Appell – 30 ta' Mejju 1997 u **"Mizzi noe vs Borg et"** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 29 ta' Settembru 2009)

**Ikkunsidrat -**

Ladarba l-Enemalta eccepiet il-preskrizzjoni, din il-Qorti se tippronunzja ruhha dwarha l-ewwel.

**I. Fir-risposta mahlufa, l-Enemalta eccepiet il-preskrizzjoni skont l-Art. 2147(c) tal-Kap. 16** li jghid hekk -

*l-azzjonijiet tas-sefturi jew persuni ohra mhallsin bix-xahar, ta' l-artigjani jew tal-haddiema bil-gurnata, ghall-hlas tal-granet tal-pagi, tas-salarji jew tal-fornituri li jkollhom jiehdu* jaqghu bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' sena.

Qabel ma tghaddi ghall-analizi tal-materja, hemm zewg fatti rilevanti hafna li din il-Qorti tqis li ghandhom piz ghall-fini tal-gudizzju taghha –

Fl-ewwel lok, fit-12 ta' Marzu 2007 l-atturi ppresentaw ittra ufficjali kontra l-Enemalta. Kopja legali taghha tinsab esebita a fol 5 tal-process u minnha jirrizulta li l-Enemalta kienet notifikata fil-15 ta' Marzu 2007.

Fit-tieni lok, jirrizulta wkoll, skont ix-xhieda ta' ufficjali tal-Enemalta, li qatt qabel il-presentata ta' dak l-att, l-atturi

ma allegaw li kienu qed jigu privati minn sahra (fatt mhux kontradett mill-atturi billi ghazlu li ma jaghtux ix-xhieda taghhom).

Fit-tielet lok, l-Enemalta ppruvat li hija qatt ma accettat bhala fondati l-pretensjonijiet tal-atturi.

Dan kollu jfisser li, jekk tkun akkolta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skont l-Art. 2147(c) tal-Kap. 16, kwalsiasi pretensjoni tal-atturi antecedenti l-14 ta' Marzu 2006 tkun preskritta.

Dan premess, il-Qorti taghmel riferenza ghall-analizi akkurata li ghamlet il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) [Gurisdizzjoni Superjuri] ta' din il-preskrizzjoni partikolari fis-sentenza taghha tal-11 ta' Lulju 2008 fil-kawza fl-ismijiet **"Vella et vs Korporazzjoni Enemalta"** u li din il-Qorti tikkondividi anke fil-prospettiva avvanzata minn dik il-Qorti ghal aggornament tal-legislazzjoni taghna fis-sens li ma jkunx hemm aktar distinzjoni bejn haddiema li jithallsu bix-xahar u haddiema li jithallsu ghal zmien iqsar, u dwar kif ghandhom jigu nterpretati d-disposizzjonijiet rilevanti tal-preskrizzjoni qasira fir-rigward tas-salarju sabiex jaghmlu sens.

Fil-kaz in esami, is-sejha li qed jaghmlu l-atturi hija ghal hlas ta' sahra li, skont huma, kienu privati minnu ngustament mill-principal taghhom *nonostante* dak li jghid il-ftehim kollettiv. Il-kwistjoni li tqum hija allura jekk is-sahra tikkwalifikax bhala salarju.

Skont is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) tal-20 ta' Ottubru 2003 fil-kawza fl-ismijiet **"Ciantar vs Hotels Administration Limited"**, il-hlas ta' sahra huwa nkluz fil-hlasijiet kontemplati mill-Art. 2147(c) tal-Kap. 16. Hemm il-Qorti ghamlet riferenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-10 ta' Jannar 1917 fl-ismijiet **"Micallef vs Gulia et"** (Vol XXIII.I.320) u ghas-sentenza **"Borg et vs Midolo et noe"** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Lulju 2001.

Skont il-ftehim kollettiv, li huwa l-kuntratt tax-xoghol tal-atturi mal-Enemalta, is-salarju tal-haddiema huwa

determinat skont l-iskala li ghaliha jappartjenu (minn skala 7 sa skala 20) u abbinata ma’ kull skala hemm is-salarju ta’ sena kif jirrizulta mill-Appendici C (fol 91) ; naturalment billi *si tratta* ta’ ftehim kollettiv mifrux fuq erba’ snin, hemm is-salarju ndikat ghal kull wahda mill-erba’ snin tal-ftehim. Ghal din il-Qorti, dan ifisser li s-salarju huwa mahdum abbazi ta’ sena kalendarja, b’dan illi pero’ l-hlas tas-salarju jithallas “kull nhar ta’ Gimgha ta’ kull raba’ gimgha”, kif jirrizulta mill-‘procedura tal-pagamenti’ (tergo ta’ fol 66).

In atti ma tirrizulta l-ebda prova ohra ta’ kif kien jithallas is-salarju tal-atturi ghajr il-ftehim kollettiv, u ghaldaqstant din il-Qorti se toqghod fuq dak jirrizulta mill-ftehim kollettiv, anke ghaliex hija l-ahjar prova billi hija l-evidenza tal-kondizzjonijiet tal-impieg tal-atturi.

Il-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubbju dwar l-applikabilita’ taz-zmien preskrittiv, dak id-dubbju ghandu jmur kontra min ikun eccepixxa l-preskrizzjoni (**“Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited”** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta PA/JRM fit-12 ta’ Ottubru 2004, u **“Ellul noe vs Vella noe”** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta’ Mejju 2001)

Fil-fehma tal-Qorti huwa evidenti fuq l-iskorta tal-ahjar prova li ghandha quddiemha li s-salarju mhuwiex pattwit kull erba’ gimghat imma fis-sena. Il-fatt li mbaghad il-*procedura tal-pagamenti* jew il-modalita’ tal-hlas hi kull erba’ gimghat hi kwistjoni ohra. Mhux importanti kif is-salarju dovut lill-impjegat huwa mqassam matul is-sena u cioe’ l-frekwenza tal-hlas sabiex tigi determinata liema hija l-preskrizzjoni applikabbli. (**“Abela vs Spiteri noe”** – PA/GCD – 22 ta’ Frar 2002)

**Tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skont l-Art. 2147(c) tal-Kap. 16**.

**II. Fir-risposta ulterjuri taghha, l-Enemalta eccepiet il-preskrizzjoni skont l-Art. 2148(d) tal-Kap. 16** li jghid hekk -

*L-azzjonijiet ta' dawk imhallsin bis-sena ghall-hlas tas-salarju taghhom*
jaqghu bil-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar.

Issa dak li din il-Qorti rrilevat fir-rigward tal-preskrizzjoni l-ohra japplika *mutatis mutandis* ghal din il-preskrizzjoni wkoll.

Ghalhekk il-preskrizzjoni ta' 18-il xahar hija <u>limitatament</u> applikabbli f'dan il-kaz.

Din il-preskrizzjoni kienet interrotta <u>biss</u> fil-15 ta' Marzu 2007 bin-notifika tal-Enemalta bl-ittra ufficjali tat-12 ta' Marzu 2007. Ghax ghalkemm jista' jinghata l-argument li kull darba li l-atturi kienu qed jircievu hlas kienet qed tkun interrotta l-preskrizzjoni, dan fil-fatt mhux il-kaz ghax il-hlas li l-atturi kienu qed jircievu kien ghal zmien partikolari mhux ghal perijodi ta' qabel. Huwa rilevanti wkoll dak li jghid l-Art. 2137 tal-Kap. 16 – *Bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha l-azzjoni tmiss.*

**<u>Tilqa' l-eccezzjoni</u> tal-preskrizzjoni skont l-Art. 2148(c) tal-Kap. 16 <u>limitatament</u> fir-rigward tal-pretensjonijiet kollha tal-atturi ghall-hlas ta' sahra ghaz-zmien kollu ta' qabel il-15 ta' Settembru 2005, tichad l-istess eccezzjoni ghall-bqija u tghaddi ghalhekk biex tiddeciedi l-mertu tal-pretensjonijiet attrici ghaz-zmien ta' wara l-15 ta' Settembru 2005.**

**Ikkunsidrat -**

Ladarba rrizultat il-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici limitatament ghaz-zmien ta' qabel il-15 ta' Settembru 2005, il-kompitu tal-Qorti huwa li taccerta issa fil-mertu jekk wara dik id-data sad-data tal-presentata tal-ittra ufficjali jew sad-data tal-presentata tar-rikors mahluf tirrizultax pruvata sal-grad rikjest mil-ligi fil-kamp civili l-

pretensjoni tal-atturi li fl-ghoti tas-sahra kienet inikwa fil-konfront tal-atturi bi ksur tal-ftehim kollettiv.

Il-provi **fil-mertu** kienu dawn -

Il-Korporazzjoni tghid li hi taghmel dak li tista’ sabiex tqassam is-sahra b’mod kemm jista’ jkun ekwu kompatibilment mal-esigenzi taghha. Fil-fatt ir-records taghha juru propju li hekk dejjem sar.

Il-haddiema tas-sigurta’ tal-Enemalta ghandhom zewg rosters ta’ sahra : wiehed maghruf bhala dak *normali* li jmiss lil kull ufficjal tas-sigurta’ b’ordni alfabetiku u iehor maghruf bhala tal-*ispecial duties,* li jigi spjegat aktar ’il quddiem. Kif anke rrizulta waqt it-trattazzjoni bil-fomm tal-kawza, il-lanjanza tal-atturi bhala *security guards* tal-Enemalta tirrigwarda specifikament kif tqassmet is-sahra tal-*ispecial duties* fis-sens li huma jallegaw li qatt ma nghataw sahra ghal xoghol ta’ dan it-tip u ghalhekk kienet hemm inekwita’ fil-konfront taghhom. L-Enemalta tichad din l-allegazzjoni ghar-raguni li se tinghad.

Id-DOK JL1 esebit mix-xhud John Leonard (fol 21 et seq) li fl-Enemalta huwa l-addett mill-pagi juri n-numru ta’ sighat ta’ sahra li l-haddiema kollha tat-taqsima tas-sigurta’ hadmu fis-snin ta’ bejn l-2002 u 2006, kif ukoll il-flus li thallsu ghal dik is-sahra. *In vista* ta’ dak li diga’ kien deciz dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici, din il-Qorti se taghmel l-accertamenti taghha b’riferenza ghall-figuri li jmorru lura 18-il xahar mill-15 ta’ Marzu 2007 b’dan illi trid taghmilha cara fl-istess waqt li ma ngiebet l-ebda prova b’dokument li juri figuri mill-1 ta’ Jannar 2007 ‘il hawn. Fix-xhieda tieghu, John Leonard indika wkoll il-medja ta’ sahra ta’ kull impjegat.

Skont Joseph Gatt, llum irtirat, li kien *Assistant Chief Security Officer*, u li x-xhieda principali tieghu tinsab a fol 23 et seq tal-process, il-procedura kienet din : is-sahra tinghata lill-haddiema tas-sigurta’ wara xulxin, skont min imissu. Is-sahra kienet tkun necessarja skont il-bzonn tax-xogholijiet tal-korporazzjoni. L-ghazla kienet issir u kienet titqassam mic-*Chief Security Officer* Edward

Darmanin. Dan tal-ahhar infatti kien jappunta n-nies li se jahdmu bis-sahra bhala *security guards*. Meta mhux kulhadd kien ikun disponibbli, kien ikun hemm numru iehor zghir ta’ nies bhala *reserve*. Jekk lanqas dawk ma jkunu disponsibbli, allura kien isir mill-gdid kuntatt ma’ Darmanin u jiddeciedi hu.

Fix-xhieda tieghu, <u>Joseph Gatt</u> ighid li l-lista tal-haddiema kollha fid-dipartiment tas-*security* kienet mixfruxa fuq zewg rosters : wahda tkun ghand Edward Darmanin u l-ohra tkun fin-*notice board*. Lista minnhom tkun bl-isem skont min imissu. L-ohra u cioe’ dik ta’ Edward Darmanin jaghzel minnha hu. Din it-tieni lista kienet ghal xoghol barrani.

Skont Joseph Gatt, l-istess persuni kienu jkunu fiz-<u>zewg</u> rosters.

<u>Joseph Gatt</u> isostni li qabel jitlaq, Edward Darmanin kien ihejji l-lista tal-persuni li se jkunu bis-sahra. Gatt kien imbaghad jaghmel kuntatt man-nies maghzula minn Darmanin. Jaf li kien hemm ilmenti dwar it-tqassim ta’ sahra tat-tieni lista. Darmanin kien jivvettja min jidhol sahra u min le.

Mehuda kif inhi, <u>fil-kumpless taghha</u> (ghalkemm f’ebda stadju ma jghid car u tond) ix-xhieda ta’ Joseph Gatt, ghad li min-naha wahda, ighid li Edward Darmanin kien jiddetermina <u>wahdu</u> min jaghmel sahra ghal *special duties*, min-naha l-ohra <u>minnha</u> ma jirrizultax li l-atturi kienu <u>eskluzi</u> ghal dik is-sahra minn Edward Darmanin jew addirittura minn xi ufficjal aktar gholi minnu, rappresentattiv tal-Enemalta.

Minn dak li xehed Gatt, jirrizulta biss li l-atturi <u>ma kienux</u> fil-lista ghal *special duties*.

Xehed ukoll <u>Charles Bedingfield</u> – *Assistant Chief Security Officer* iehor (fol 31 et seq). Dwar ir-roster mertu tal-vertenza u cioe’ dak li Bedingfield ighid li kien maghruf bhala tal-*abnormal duties* isostni li dak ir-roster kien

jithejja mic-*Chief Security Officer* Edward Darmanin. Fis-sostanza, jikkonferma dak li xehed Joseph Gatt.

Min-naha tieghu, Edward Darmanin – *Chief Security Officer* – li rtira f'Jannar 2007 – u li x-xhieda tieghu hija riportata minn fol 36 et seq tal-process – jghid x'kienu dawn l-*ispecial duties* u cioe' xoghol fuq barra fit-triqat jew fl-ghelieqi jew f'zoni remoti. Is-*security guards* kienu jaghmlu dak it-tip ta' xoghol fil-frank taghhom. Hu kien ikollu lista ta' l-persuni li jridu jaghmlu dak it-tip ta' xoghol. Is-sahra ghal dak ix-xoghol ma kenitx fissa jew pre-determinata ghar-raguni li hafna kien jiddependi min-natura tax-xoghol. Min-naha tieghu, il-kriterju tal-ghazla kien *in order* u skont dawk is-*shifts* li kienu jkunu *off*. Kien idur in-nies u min jaccetta li jahdem jintghazel skont l-ordni tal-alfabet.

L-ghazla tieghu kienet tiddependi anke mill-post. Infatti jekk l-i*special duties* se jkunu f'lokalita' partikolari Edward Darmanin kien se jippreferi nies minn dik il-lokalita'. Waqt li r-roster ordinarju kien jinhadem b'mod differenti ghax kien ta' kuljum, ir-roster tal-i*special duties* kien hemm prattikament grupp ta' tnax-il haddiema bhala voluntiera. Fil-lista normali, kwazi kulhadd jew il-bicca l-kbira minnhom ried jaghmel sahra mentri kienu tnax biss li accettaw li jaghmlu *special duties*, skont l-istess Edward Darmanin.

Waqt is-smigh tal-provi quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, jidher li nqala' disgwid bejn dak li xehed Joseph Gatt in konfront ma' dak li xehed Edward Darmanin tant li nhasset il-htiega ta' konfront bejn it-tnejn. Frankament, din il-Qorti tghid li propju ghaliex il-kompitu taghha huwa li taghmel gustizzja skont il-ligi, tafferma li dak il-konfront propju ma kienx mehtieg ghaliex id-divergenzi bejn it-tnejn kienu fir-realta' marginali mhux sostanzjali.

Skont Antoine Busuttil – mid-Dipartiment tar-Risorsi Umani tal-Enemalta – li xehed bl-affidavit (fol 157) l-ewwel darba li sema' bl-ilmenti tal-atturi kien meta l-Enemalta kienet notifikata bl-ittra ufficjali taghhom tat-12 ta' Marzu

2007. Qabel dik id-data, ma jirrizultax li f'xi zmien xi wiehed minnhom, kemm individwalment kif ukoll kollettivament, kien irregistra xi ilment fuq il-fatt li kienu qed jigu privati minn sahra. Fil-fatt huma thallsu ammonti li kienu pienament fil-medja ta' sahra u hlas li sar lil persuni ohra fis-sezzjoni taghhom.

Xehed ukoll Victor Incorvaja (fol 158) li lahaq bhala *Chief Security Officer* wara li Edward Darmanin irtira mis-servizz. Dan ix-xhud kien forsi l-aktar wiehed li xehed car u tond dwar x'kienu ezattament jinvolvu l-*ispecial duties* kif ukoll kif kienet tkun komposta l-lista tal-persuni li se jaghmlu dik it-tip ta' sahra. Skont Incorvaja, dan ix-xoghol specjali kienu dak maghruf bhala "tal-hofor" fis-sens li l-ufficjal tas-sigurta' kien imur fuq il-lant tax-xoghol meta jitilqu l-haddiema sabiex joqghod ghassa mal-ghodda u l-*cables* sakemm l-ghada jerghu jmorru l-haddiema ta' dak il-lant. Bla dubbju kien xoghol iebes bla kumdita' ta' xejn u ghalhekk kien jittiehed b'mod volontarju ghax hafna ma kienux iridu jaghmluh. Min kien jinteressah, kien jitlob lil Edward Darmanin biex idahhlu fil-lista u l-persuna koncernata kienet tkun inkluza bla diffikulta'. L-unika kondizzjoni li kienet issir kienet li meta jkollu bzonnok trid tmur. Jekk ma tmurx, titnehha mil-lista. Pero' hadd ma kien eskluz mil-lista *a priori*.

Fix-xhieda tieghu Joseph Cutajar – *Corporate Services Manager* tal-Enemalta – fol 160 – prattikament sostna dak li xehed Victor Incorvaja.

**Ikkunsidrat -**

Fit-trattazzjoni tal-kawza, b'riferenza ghall-mertu, id-difensur tal-atturi fil-qosor fisser il-kaz tal-assistiti tieghu fit-termini segwenti –

1) L-azzjoni saret ghaliex is-sahra ma tqassmitx b'mod gust u ekwu skont il-ftehim kollettiv.

2) Il-lanjanza tal-atturi mhix dwar it-tqassim tas-sahra skont ir-roster generali izda dik tal-*ispecial duties* fejn xi nies inghataw hafna sahra ad eskluzjoni tal-atturi.

3) Il-prerogativa tal-ghazla tas-*security officers* biex jaghmlu sahra fl-i*special duties* kienet tac-Chief Security Officer Edward Darmanin u tieghu wahdu.

4) Mill-konfront ta’ bejn Edward Darmanin u Joseph Gatt, irrizulta kemm kellhom ragun l-atturi.

5) Ix-xhieda ta’ Victor Incorvaja hija rilevanti ghax dan li lahaq wara Darmanin u biddel is-sistema tal-ghoti tas-sahra.

Min-naha tieghu, id-difensur tal-Enemalta fil-qosor fisser id-difiza tal-korporazzjoni konvenuta kif gej –

a) Dwar ir-roster tal-*ispecial duties* irrizulta li dak kien jinvolvi l-ghassa mal-ghodda ta’ xoghol fuq barra, sitwazzjonijiet certament mhux komdi, u li mhux kulhadd kien dispost joqghod ghalihom. Kien ghalhekk li saret lista ta’ ufficjali tas-sigurta’ li japplikaw sabiex jaghmlu dak ix-xoghol fuq bazi ta’ sahra. Min ried joqghod ghal dawn id-*duties* kien jaghti ismu fuq bazi volontarja. Hadd ma kien eskluz minn din il-lista u seta’ jidhol kull ufficjal tas-sigurta’.

b) Ma rrizultax li l-atturi accettaw li jidhlu fil-lista tal-*ispecial duties.*

c) Hadd mill-atturi ma xehed biex ighid ghala u kif kien eskluz mis-sahra tal-*ispecial duties* u hadd mill-atturi ma xehed biex jghid li ried jaghmel dak ix-xoghol u kien diskriminat.

d) Fir-rikors mahluf l-atturi jallegaw li saret diskriminazzjoni fil-konfront taghhom pero’ mhux li kienu eskluzi mis-sahra.

e) Ir-rikors huwa generiku, fqir fid-dettalji u ma specifikax fejn kienet nieqsa l-ekwita’ fil-konfront taghhom.

f) Qabel l-ittra ufficjali ma kien hemm l-ebda ilment.

g) L-atturi jippretendu hlas ta' sahra li ma hadmux.

h) Fir-realta' l-atturi hadmu u thallsu ta' sahra fil-medja daqs haddiema shabhom.

**Ikkunsidrat –**

Fuq l-iskorta tal-provi akkwisiti, ma rrizultax ghal din il-Qorti li l-Korporazzjoni konvenuta jew r-rappresentanti taghha b'xi mod ezercitaw fil-konfront tal-atturi diskrezzjoni boghod minn dak li hu gust, ekwu u ragonevoli.

Tant dan hu hekk li ma jirrizultax li l-atturi qed jallegaw li kienu privati minn sahra hekk imsejjah *normali.* Il-lanjanza taghhom tirrigwarda biss is-sahra ghal *special duties*.

F'dan ir-rigward, hadd (hlief l-atturi) ma kien f'qaghda li jfisser lill-Qorti kif, fil-perijodu mhux kolpit mill-preskrizzjoni u forsi anke qabel, l-Enemalta pprivathom minn sahra, frott ta' decizjonijiet mehuda kontra l-ekwita', u allura bi ksur tal-ftehim kollettiv. Dan qed jinghad ghaliex il-provi kollha li tressqu kemm fl-assjem kif ukoll fid-dettall jikkontradicu dak pretiz mill-atturi.

*Cio' nonostante*, ghal din il-Qorti, huwa sorprendenti l-fatt kif l-atturi, ghalkemm semghu xhud wara l-iehor tal-Enemalta jixhed fl-ewwel lok li l-lista tal-persuni ghal sahra tal-*ispecial duties* kienet issir fuq bazi volontarja fis-sens li min irid japplika ghal dik is-sahra kien jidhol fil-lista mbaghad jaghmel l-ghazla c-Chief Security Officer, u li fit-tieni lok li hadd ma kien eskluz (inkluz l-atturi) milli jidhol fil-lista, imbaghad hadd mill-atturi ma jaghzel li jixhed biex *forsi* jixhed il-maqlub jew almenu jaghti xejra differenti ghall-kwistjoni.

Din il-Qorti ma tistax ma tosservax li dan l-atteggjament negattiv ghall-ahhar tal-atturi jservi biss u minghajr riservi biex jikkonvinci lil din il-Qorti li l-provi akkwisiti jixhdu propju l-maqlub ta' dak li l-atturi kienu qed jallegaw : u cioe' li ghall-i*special duties* huma ghazlu li ma japplikawx

ghal sahra ghalkemm hadd minnhom ma kien eskluz, u kwindi l-atturi ma jistghux jivvantaw xi dritt kwalunkwe fir-rigward ta' dik is-sahra.

Ghalhekk din il-Qorti hija moralment u guridikament certa u konvinta li l-atturi ma rnexxielhomx jaghmlu l-prova tat-talbiet taghhom sal-grad rikjest mil-ligi, u dan anke wara li qieset ukoll il-figuri tas-sahra fil-medja taghhom kif jirrizultaw mid-dokumenti esebiti. Infatti jirrizulta pruvat anke mill-figuri li, tenut kont tal-fatt li ghad li l-atturi ma talbux li jaghmlu sahra ta' *special duties*, huma xorta wahda fil-kumpless hadmu u rcevew hlas ghal sahra *piu' o meno* fil-medja daqs haddiehor.

**Ghalhekk, ghar-ragunijiet kollha premessi –**

**Fl-ewwel lok, tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta ;**

**Fit-tieni lok, tilqa' limitatament l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuta ;**

**Fit-tielet lok, tilqa' l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuta fil-mertu, u konsegwentement tichad it-talbiet tal-atturi kif dedotti.**

**Fir-raba' lok, tordna li l-ispejjes kollha tal-kawza jithallsu mill-atturi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------